16 ta' Frar 2019
28/2019

**ARĊIPRIET ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TAS-SIĠĠIEWI**

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Dun Josef Mifsud bħala l-Arċipriet tal-parroċċa ta' San Nikola, is-Siġġiewi.

Dun Josef Mifsud twieled fil-15 ta' Mejju 1981 u trabba s-Siġġiewi fejn irċieva l-edukazzjoni primarja fl-iskola tal-Istat fis-Siġġiewi. Huwa kiseb l-edukazzjoni sekondarja fis-Seminarju Minuri tal-Arċisqof, Tal-Virtù, ir-Rabat, u kompla l-istudji terzjarji fil-Fakultà tat-Teoloġija (Filosofija u Teoloġija) fl-Università ta' Malta. Ġie ordnat saċerdot fl-1 ta' Lulju 2007.

Dun Josef serva bħala viċi kappillan fil-parroċċa tal-Madonna tal-Grazzja, Ħaż-Żabbar, u fl-2010 inħatar bħala kappillan tal-parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem, Birkirkara.

Il-parroċċa tas-Siġġiewi tiġbor fiha madwar 7,700 persuna f'2,500 familja.